MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Numru. 456/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**David John Buttigieg.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra David John Buttigieg ta' 24 sena iben Philip u Rita imwieled il-USA nhar id-9 t'April, 1982 u residenti 58 Triq Wied is-Simar, Qala, Gozo ID Card number 42799(M)

Akkużat talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2006 u f'dawn l-aħħar sentejn qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

a) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina

psikotropika u ristretta (ecstasy) f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni'

b) ittraffika, biegħ jew qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

ċ) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini , Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tal-imputat.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Novembru 2006, it-tweġiba tal-imputat li mhux ħati (fol.6), id-digriet li bih kiwen stabbilit li x-xhieda li tinstema' fil-proċeduri 'Il-Pulizija versus Elliott James Fenech' (457/06) għandha tgħodd għal dawn il-proċeduri wkoll, il-ħatra tal-espert Martin Bajada (fol.13), l-istqarrija tal-imputat (fol.18), il-ħatra ta' Probation Officer fuq talba ta-ddifiża (fol 44), ir-relazzjoni tal-istess Martin Bajada (fol 48), il-proces-verbal immarkat CA 1 a fol 53, ir-relazzjoni mmarkatat PF a fol 56 u r-relazzjoni ta' Godwin Sammut a fol 61, iċ-ċertifikati a fol 113, 114 u 115 u l-fakolta' li l-Qorti tat lill-Prosekuzzjoni sabiex tkun tist' tagħmel id-dikjarazzjoni dwar l-artikolu 29 anke permezz ta' nota. (Ara fol.117).

2. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti**

4. Fl-24 ta' Novembru 2006, il-Pulizija li kienu għassa fiċ-Ċirkewwa nnutaw żewġ żgħażagħ telgħin fil-vapur li qanqlulhom suspett. Il-Pulizija għamlet tfittxija fuqhom u rriżulta li kellhom madwar mitejn pillola ecstasy kull wieħed. Kull droga misjuba kienet fotografata fil-preżenza tal-imputat. Kien ukoll elevat minn fuq l-imputat mobile phone tal-marka Nokia ta' kulur blu.

**L-Istqarrija tal-Imputat.**

5. Fl-istqarrija tiegħu tal-25 ta' Novembru 2006, l-imputat qal li kien ilu jieħu l-ecstasy sentejn u l-aħħar li kien ħa kien fil-weekend. Kien ċempillu Malti u qallu li meta l-imputat ikun irid seta' jmur u jġib l-ecstasy. L-imputat ftehem mal-Malti ( li tiegħu l-imputat ta n-numru tal-mobile) biex jixtri mitejn. Huwa kien reġa' ċempel lill-Malti biex jgħidlu ħa jġib mitejn oħra għax kien hemm persuna oħra interessata. L-imputat kien ħallas Lm650 tal-ecstasy. L-imputat qal li dawn il-pilloli kienu għalih biex x'ħin ikollu bżonn isib.

***Meta kien mistoqsi 'Għal min kienet dik id-droga?'***
***L-imputat wieġeb 'Jien ma rridx nixhed kontrih.''***

6. PS 765 Samuel Attard xehed (fol 22) li kienu għamlu frisk search fuq l-imputat fuq il-moll u ma rriżulta xejn. Kien fl-istrip search li lill-imputat sabulu żewġ boroż b'mitt pillola f'kull borża. (fol.23).

7. PC 706 Norman Cremona u PC 279 Kevin Gacui ikkonfermaw bil-ġurament dak li sar fil-frisk search u fl-istrip search kif rakkontat minn PS 765 Samuel Attard.

8. L-espert maħtur mill-Qorti kif preseduta, is-Sur Martin Bajada, ħalef u ppreżenta r-realzzjoni tiegħu fit-8 ta' Jannar 2007.

9. PC 1525 Patrick Farrugia ppreżenta r-relazzjoni redatta minnu wara li kien maħtur fl-inkjesta taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera. (Fol.54 u 56)
Ir-ritratti jidhru a fol 68.

10. L-espert Godwin Sammut kien preżenti fil-laboratorju forensiku fil-25 ta' Novembru 2006 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu. Huwa kien muri l-pilloli ta' lewn abjad. Huwa kien għadd il-pilloli li kien hemm f'kull borża. Mir-relazzjoni jirriżulta li mill-Police Evidence Bags A01259883 u A01259885 li jikkorrispondu għall-Kodiċi tal-Laboratorju 7760603 u 7760604 fol 9 kien hemm total ta' 186 pilloli li kollha kellhom is-sustanza MDMA.

11. Fid-9 ta' Novembru 2007 xehdet il-Probation Officer Vicky Grech li qalet li l-imputat dejjem kien iżomm l-appuntamenti magħha u li kien f'kuntatt mal-Oasi. Hemm support kbir min-naħa ta' xi mambri tal-familja tiegħu. Hija reġgħet xehdet fis-27 ta' Ġunju 2008 kien hemm xi problemi fil-familja għaliex l-imputat kien abbandunat minn wieħed mill-ġenituri tiegħu.

12. Xehed ukoll Dr.John Borg li sar jaf lill-imputat f'Diċembru 2006.[1] L-imputat kien ġej minn familja mkisrra u kien ibati bis-psychosomatic symptoms. Hu kien depressed u l-aktar minħabba n-nuqqas ta' kuntatt m'ommu. Id-depression imbagħad għaddietlu. Minn meta ġie taħt il-kura ta' dan it-tabib l-imputat baqa' clean.

13. L-imputat xehed fis-27 ta' Ġunju 2008. Huwa qal li kien jieħu tliet pilloli jew ħamsa fil-weekend. Huwa qal li kien jieħu 5, 6 u anke 9 kull filgħaxija, l-aktar fil-wee end. Ġieli kien jieħu fost il-ġimgħa wkoll. Huwa qatt ma kien biegħ droga. Id-droga kienet intiża għalih biex ma

[1] Din id-data tiġi wara meta seħħ l-allegat reat għax, skond l-imputazzjoni, l-imputat instab bl-ecstasy bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2006.

joqgħodx tiela' u nieżel Għawdex. Dawk kienu forsi jservuh xahar u nofs. Huwa kien jitla' jixtri minn Malta minn xi disco. Xehed ukoll li kien intwera ritratti mill-Pulizija u identifika min kien is-supplier.Huwa kien jaqla' madwar Lm80 fil-ġimgħa.

14. Waqt ix-xhieda tiegħu l-imputat intwera tliet ritratti u għaraf persuna.(Fol.90,91 u fol.100). Huwa kien għadda Lm650 lil din il-persuna. (Lm3.25 kull waħda)

15. Qabel ma kienx xtara din il-kwantita'. Kien xtara xi 50. Huwa kien xtara dak l-ammont għax ma sabx jixtri u hekk kellu jagħmel.

16. Meta kien mistoqsi min kien iħallas il-petrol tal-karozza, il-liċenzja, u l-insurance tal-karozza, l-imputat wieġeb li kien iħallashom hu. Dwar il-ħwejjeġ ġieli kien xtralu missieru u ġieli xtara hu.

17. Xehed ukoll Noel Scerri , Manager Treatment and Rehabli qal li fil-bidu l-imputat kien risrvat u illum għamel kors biex jitħgallem jaqra u jikteb. Kien fadallu jaħdem fuq ir-recovery tiegħu. Id-droga kien użaha biex jistrieħ mill-problemi emozzjonali tiegħu. Kien diffiċli għalih jgħid jekk il-problema kenitx akuta jew le. Huwa kien wieħed minn dawk li jabbuża f'nofs il-ġimgħa biex iħossu tajjeb.

18. Mix-xhieda ta' Peter Paul Portelli, senior social worker, jirriżulta li kien sar minn kollox biex l-imputat ikollu xogħol. Huwa kien iħeġġu biex jitgħallem jikteb u jaqra.

19. Xehed missier l-imputat li qal li ma kienx jaf li ibnu għandu problema tad-droga. Kien jarah bin-nervi u jissupervja. Kien jagħti l-ikel u l-ħwejjeġ lil ibnu. (fol.108).
20. Kull tant kien jagħtih xi teltin jew għoxrin lira Maltija iżda mhux b'mod regolari. Mix-xogħol kien jieħu bejn Lm30 u Lm50.

20. Fil-proċess ukoll hemm ir-rapport tal-Probation Officer Mariella Camlleri, Senior Probation Officer, ċ-ċertifikat ta' Dr.John Borg li juri li l-imputat irriforma ruħu

kompletament u ċ-ċertifiakt ta’ Noel Xerri (Manager treatment u Rehab) a fol.115.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Dwar l-ewwel imputazzjoni.**

21. Jidher mill-provi li l-Prosekuzzjoni akkużat lill-imputat bl-assoċjazzjoni ma’ persuna oħra għaliex fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal hekk:

***‘Jiena kont għidt lil Elliott li ser ninżel Malta għall-ecstasy u hu qalli li ried mitejn għalih ukoll u biex lill-Malti ngħidlu jaħsbilna għal 400 pillola. Jiena filfatt erġajt ċempilt lil Malti u għidltu jaħsbilna għal 400 pillola’ (Fol.19).***

22. Bħala l-aħjar każ fuq dan il-punt tal-assoċjazzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak deċiż mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-5 ta’ Marzu, 2003 ‘The Republic of Malta versus Steven Caddick and Philip Walker.’ F’dan il-każ il-Qorti qalet hekk:

‘Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between two or more persons (Section 22(1A) (Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of

dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement.

The First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result were:

(i) The agreement between two or more persons
(ii) the intention to deal in drugs
(iii) The agreed plan of action.

It is irrelevant whether that agreement was ever put into practice.'[2]

23. Il-Qorti mhix ser tieqaf fuq dan il-każ biss iżda ser tirreferi wkoll għal każ 'Ir-Repubblika versus Godfrey Ellul' deċiż fis-17 ta' Marzu, 2005[3] fejn il-Qorti qalet hekk:

'Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta' Philip Magri u x-xhieda li ta waqt il-ġuri u tistqarr li minnhom ma jirriżultax li ġew 'ikkumbinati jew miftehma mezzi' li bihom l-apppellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibiegħu jew jattriaffikaw mediċina perikoluża. Naqraw fl-Archbold:

'The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry out their criminal intent, the cery plaot is criminal act itself. Mulcahy v R (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; T v Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R 274; R vTibbits and Windust (1902) 1 .K.B. 77 at 89; R v Meyrick and Ribuffi 21 Cr.App. R 94 CCA Nothing need be done in pursuit of the agreement O'Connell versus R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.'

'The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it; R versus Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R versus Murphy

[2] Court of Criminal Appeal 6th March, 2003 'The Republic versus Steven John Caddick et pages 22 and 23
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali 10/2001 paġini 29 u 30

(1837) 8 C&P 297. proof of the existence of a conspiracy is generally a ‘matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them.’ R versus Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy versus R (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.’

24. Il-Qorti għamlet referenzi ampji għan-natura tal-conspiracy biex jistgħu iservu ta’ gwida għal min ikun qed iħejji l-imputazzjonijiet f’każijiet oħra. Żgur li biex ikollok il-conspiracy jinħtieġu t-tliet elementi msemmija aktar ‘il fuq.

25. Fil-fehma ta’ din il-Qorti mis-sentenza misluta mill-istqarrija tal-imputat (ara par.21) ma jidhirx li hemm il-prova ta’ ‘an agreed plan of action.’. ***<u>Għaldaqstant wieħed mill-elementi huwa nieqes u din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni. (Ara wkoll l-argumenti tad-difiża fin-Nota ppreżentata fis-6 ta’ Jannar 2009).</u>***

**It-Tieni Imputazzjoni**

26. Fit-tieni imputazzjoni l-imputat huwa akkużat li ‘ittraffika, biegħ jew qassam jew offra li jittrafika’. Id-definizzjoni li nsibu fl-artikolu 120(1B) tal-Kap 31 mhix waħda eżawstiva għaliex tgħid ‘tinkludi’ u ma tużax il-kelma dejqa ‘tfisser’. Iżda tinkludi ex pressis verbis li ‘toffri li tagħmel wieħed minn dawn l-atti u li tagħti informazzjoni intiżi biex twassal għax-xiri tad-droga’.

27. Jirriżulta mill-istqarrija tal-imputat (ara par.21) li kien l-imputat li ċempel lis-supplier Malti sabiex iġib aktar droga għax sieħbu kellu bżonn 200 pillola oħra. B’hekk l-imputat kien qed **jittraffika** (ara d-definizzjoni ta’ ‘traffikar’ fl-artikolu 120A(1B) tal-Kap 31) għaliex kien qed jagħti informazzjoni kif is-supplier Malti seta’ jsib suq akbar. Dan l-aspett tad-definizzjoni mkien m’huwa ttrattat mid-difiża li tkellmet ħafna fl-assoċjazzjoni iżda xejn fuq id-definizzjoni in toto. Is-sottomissjoni tad-difiża li dan kien a joint acquisition’ taqa’ għal kollox minħabba dak li

tipprovdi d-definizzjoni u minn dak li rriżulta minnn fomm l-imputat stess waqt l-istqarrija. Fuq kollox l-imputat stess qal li li hu ħallas tiegħu u l-imputat l-ieħor ħallas tiegħu ukoll. Il-Qorti mhix taċċetta s-sottomissjonijiet tad-difiża a fol.3 tan-Nota għax dan ma kien akkwist komuni xejn kif diġa' kien spjegat. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni kontra l-imputat u qed issibu ħati tagħha.

**It-Tielet Imputazzjoni – Il-Pussess aggravat.**

28. Id-difiża ssottomettiet li ġaladarba nstabu dawk il-pilloli tal-ecstasy kollha fuq l-imputat, il-pussess sempliċi mhux qed ikun kontestat.

29. Dwar dan il-punt il-Qorti tfakkar f'każistika kostanti fosthom 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri' (2 ta' Settembru 1999) (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) presedut mill-S.T.O. l-Imħallef Dr.Vincent deGaetano) u 'Il-Pulizija versus Marcus Magri' (Qorti tal-Appelll Kriminali (Inferjuri) presedut mill-Imħallef Dr.Joseph Galea Debono, 'Il-Pulizija versus Thoornstra' (Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) fejn pussess sempliċi iżda f'ammonti sostanzjali ġab miegħu kundanna ta' priġunerija. 'Ammonti bħal dawn jikkostitwixxu perikolu għal terzi' hekk qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-kawża 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri'. Jiġifieri, lanqas li kieku l-Qorti kellha taċċetta t-teżi tad-difiża li dan kien każ ta' pussess sempliċi, xorta għandha tingħata l-piena karċerarja. Dan jgħodd aktar u aktar, għaliex peress li l-imputat intervjena biex jinxtraw l-mitejn pillola l-oħra, allura huwa ġie 'l-prinċipal' f'xirja ta' 400 pillola ecstasy. U jekk il-Liġi ma kienx jafha, dan ma jammonta għall-ebda forma ta' skuża.

30. Iżda oltre dan, il-Qorti mhix konvinta li l-ammont kien intiż għall-imputat waħdu biss. L-ewwelnett hemm ammont ta' 186 pillola. ***'L-ammont waħdu jista' jkun ċirkostanza li waħidha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-imputat.'*** (Ara 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri' (a fol.2). Jiġifieri li l-Qorti m'għandhiex bżonn

ċirkostanzi oħra kif ħafna drabi qed ikun sottomess mid-difiża. Mhux tassew li jridu jinstabu flus kontanti (ara n-Nota tad-Difiża paġina 4) jew xi ċirkostanzi oħra biex bilfors ikun ippruvat il-pussess aggravat Il-Qorti ma qed tara ebda relevanza tas-sentenza 'Il-Pulizija versus Anthony Said' għall-każ odjern għax hawnhekk hawn imputazzjoni kemm ta' traffikar kif ukoll ta' pussess aggravat. Saret ukoll referenza għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Noel Buhagiar' fejn il-Qorti tal-Appell kienet ikkonsidrat x'qal l-imputat fl-istqarrija. Fil-każ odjern l-istess stqarrija tikxef x'għamel l-imputat: l-ewwel li nforma lill-persuna oħra biex iġġib aktar pilloli ħalli jinqeda ħadd ieħor u t-tieni ġab ammont kbir ta' ecstasy li huma ħafna aktar mis-sitt qratas li jissemmew fil-każ 'Il-Pulizija versus Noel Buhagiar'.

**31. Id-difiza rreferiet għall-każ ta' 'Il-Pulizija versus Adrian Zammit u Victor John Borg' deċiża fil-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fl-10 ta' Ġunju 2008. Is-silta misluta mid-difiża ma tagħtix il-kwadru kollu. Infatti Zammit kellu 44 pillola u mhux 200 bħall-imputat u l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri kkonfermat dak li kienet stabbiliet l-Ewwel Qorti dwar dan l-imputat ( kif ukoll dwar l-ieħor), qieset din iċ-ċirkostanza bħala tipponta għall-pussess aggravat u kulma għamlet kien li naqqset xi ftit il-pieni.**

32. Lanqas ma qegħda taċċetta din il-Qorti l-argument li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi li l-imputazzjonijiet (jew liema minnhom l-imputat instab ħati) saru fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni. Kulma wieħed għandu jagħmel huwa li jqabbel id-dati mogħtija fiċ-ċitazzjoni ma' dawk ta' meta saret l-istqarrija fejn l-imputat jindika b'mod ċar meta ndaħal biex jinġabu l-pilloli għall-ħadd ieħor. Barra dan s'intendi hemm dak li xehdu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni dwar meta l-imputat inqabad b'dawk il-pilloli kollha.

33. Il-Qorti eżaminat ukoll id-difiża ppruvatx fuq bażi ta' probabilita' s-sottomissjoni tagħha li kienet tikkonsisti f'dan li ġej:

(a) L-imputat kien jieħu ħafna ecstasy

(b) Ma riedx joqgħod jiġi Malta
(ċ) Li kellu l-mezzi biex jixtri

34. Il-Qorti ma tqisx dawn l-argumenti konvinċenti. L-ewwelnett il-Qorti lanqas taċċetta li kienu jittieħdu l-ammonti msemmijin (5, 6, u 9 f'weekend). It-tieni li kieku kien jittieħed dan l-ammont kollu (20), allura l-imputat kien xtara għal għaxar ġimgħat (jew xahrejn u nofs) u mhux xahar u nofs kif qal hu. It-tielet, kien propju **wara** li nqabad mill-Pulizija li l-imputat beda jżur l-istituzzjonijiet għall-għajnuna.

35. Lanqas ma hi konvinta l-Qorti li mhux riedx joqgħod jinżel minn Għawdex kull meta jkollu bżonn. Illum hawn trips frekwenti bejn il-Gżejjer u peress li kien komdu li anki jikri taxi għal wara, żgur ma kenitx kwistjoni ta' ekonomija jew ta' xi inkonvenjenza għall-imputat li jżur Malta aktar spiss. It-taxi tindika li wieħed jaffordja l-lussu. Il-Qorti qed tqis li, l-iskuża għax trid toqgħod tiġi Malta minn Għawdex biex issib id-droga u allura tixtri ħafna f'daqqa, hija skuża fjakka għall-aħħar u bla bażi. Qed tintuża biss bħala diverġent meta m'għadux iż-żmien meta l-vapur t'Għawdex jieqaf jaħdem fil-ħamsa ta' filgħaxija kif kien jiġri qabel.

36. It-tielet punt huwa kif bniedem li sewwa, sew kien qed idaħħal Lm80 fil-ġimgħa (kemm jekk wieħed joqgħod fuq dak li qal l-imputat kif ukoll jekk wieħed joqgħod fuq li xehed missieru) kif seta' dan jixtri b'ammont ta' Lm650 li huma d-dħul gross ta' aktar minn tmien ġimgħat? Wara kollox, l-imputat kellu ċerti spejjeż li kien jagħmilhom hu mqar jekk missieru kien jagħtih l-ikel u xi ħaġa tal-ħwejjeġ.

37. Id-difiża rreferiet għall-każ 'Il-pulizija versus Claire Farrugia' tas-17 ta' Marzu 2005. Bir-rispett kollu l-fatti fil-każ odjern huma għal kollox differenti minn dak ċitat. Hawn m'għandna ebda amministrazzjoni tad-drogi. Hawn għandna akkwist qawwi għal ħadd ieħor.

38. Għaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni għalkemm din qed titqies bħala

assorbita fit-tieni imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

39. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 31, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1)(f), 120A(1B), 120A(2)(b)(i)(ii) u 120A (2B) (dan l-artikolu jikkorrisondi għall-artikolu 29 tal-KAp 101) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni assorbita fit-tieni imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel waħda.

40. Il-Prosekuzzjoni ppreżenat nota li fiha ssottomettiet li l-imputat m'għandux jibbenefika mill-artikolu 120(2B) li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101. Il-Qorti eżaminat kemm din in-Nota, kemm dak li qalet id-difiża fin-Nota tagħha a fol.7, kif ukoll deżijoni mogħtija kemm mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll minn din il-Qorti kif preseduta. Il-Qorti trid tagħmilha ċara li l-Prosekuzzjoni tagħmel tajjeb li tiddikjara lid an il-benefiċċju għandu jingħata meta l-imputat ikun tassew għen lill-Pulizija sabiex taqbad lill-persuna li tkun forniet. Anzi, kfi diġa' qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali mhux biżżejjed li wieħe3d jixhed kontra l-persuna lit kun forniet iżda li effettivament tkun wasslet lill-Pulizija biex taqbad lill-ispaċċatur ewelieni. Il-Qorti wiżnet in-Nota u qieset ukoll ix-xhieda tal-imputat u ttendi li fiċ-ċirkostanzi taqbel li l-imputat għandu jibbenefika milla-rtikolu 120A(2B) tal-Kap 31 /29 tal-Kap 101 u dan f'żewġ gradi.

41. Dwar is-sottomissjoni tad-difiża dwar it-trapass ta' żmien, il-Qorti assolutament ma taqbilx għaliex dan ma kienx xi wieħed konsiderevoli. Il-każ seħħ f'Novembru 2006 u s-sentenza ser tingħata sentejn u xahar u nofs wara. Meta d-difiża ppreżentat n-Nota tagħha tlitt ijiem biss qabel is-sentenza, il-Qorti ma tistax tifhem kif wieħed jista' jistenna tnaqqais fil-piena.

42. Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tmintax-il xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €770 li

tista' titħallas bir-rata ta' sebgħin Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Kull żmien li l-imputat kien taħt arrest għandu jitnaqqas mill-piena.

43. Peress li din l-inkjesta saret wara s-16 ta' Jannar 2006, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, l-imputat għandu jħallas nofs l-ispejjeż tal-esperti imqabbdin matul l-inkjesta (għaliex l-inkjesta tkopri każ ieħor ukoll) u l-ispejjeż kollha tal-espert Martin Bajada (Lm110.12) (€256.57)( Il-ħlas tal-esperti l-oħra jammontaw hekk: għal PC 1525 Patrick Farrugia huma nofs Lm21.50 li jfisser Lm10.75 (€25.04) u nofs l-ispejjeż tal-analista Godwin Sammut li jridu jkunu stabbiliti mir-reġistratur għax m'hemmx il-figura fir-rapport). L-imputat għandu jħallas l-ispejjeż tal-esperti kollha fi żmien xahar mil-lum.

44. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------